VASSALLI AND HIS TIMES

A. CREMONA

CREMONA



Tixbih ieħor imgħoddi mill-grammatka :

Iż-żjieda ta' *n, t, j* quddiem is-sura ta' l-Imperativ, issawwar il-verb u tagħmlu fil-*Present* jew *Futur*.

| | | |
|---|---|---|
| *Ħamel*—aħmel (Imp.) = | n-aħmel | n-aħmlu |
| | t-aħmel | t-aħmlu |
| | j-aħmel | j-aħmlu |

Iżda meta l-imperativ ikun jibda b'konsonanti, l-ittri *n, t, j*, jitħaxknu : *kien* — kun (Imp.) = n-kun—n-kunu
t-kun—t-kunu
j-kun—j-kunu.

Issa, meta jitħaxknu, l-ittra *n*—mħaxkna ma' l-ittri *m, r, l*,—tixxiebah u ssir *m, r, l*, bħalhom.—L-ittra *t*, mħaxkna ma' l-ittri xemxin tas-snien li huma *ċ-ċ, d, ġ, s, x, ż* u *z*, issir bħalhom :

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jiena mmur | flok | nmur | intom | (i)ġġibu | flok | tġibu |
| aħna rridu | ,, | nridu | inti | ssir | ,, | tsir |
| jiena llellex | ,, | nlellex | hija | xxejjer | ,, | txejjer |
| inti ċċempel | ,, | tċempel | intom | (i)żżerżqu | ,, | tżerżqu |
| hija ddemma' | ,, | tdemma' | hija | zzekzek | ,, | tzekzek |

---

—Kif aħna nitkellmu fuq l-ittri *n, t, j* nistgħu ngħidu :

L-ittra *n* (jew ta' flokha) mita tkun sejra titħaxken bejn żewġ konsonanti, (u meta l-kelma tkun fil-bidu tal-kliem u wara l-*n* jkun hemm konsonanti oħra) iddaħħal l-*i* tal-leħen : *Irrid inkun* flok *Rrid nkun*. L-ittra *j* (flok ma ddaħħal *i* quddiemha) tidher minn flokha—il-vokali *i*: *Irid ikun* flok *Jrid jkun*. Iżda meta qbilha ikollha kelma li tispiċċa b'vokali (jew warajha ikollha vokali) għandha tinkiteb sewwa: *Jiena nkun, huwa jrid*. (Ara t-*Tagħrif* f. 48 (2).

—Il-vokali tal-leħen (*eufonica*), l-iżjed li nsibuha, fil-bidu tal-kelma kif ġa rajna, iżda jiġi li nsibuha wkoll fin-nofs.

Minn *ġibed* għandna *niġbdu* iżda minn *kines* għandna *nikinsu* u mhux *niknsu* : dik l-*i* hi tal-leħen jew *riffieda*.

Meta waħda minn l-ittri *l, m, n, r għ (liquidi)* tkun sejra titħaxken bejn żewġ konsonanti oħra, iddaħħal QUDDIEMHA vokali tal-leħen.

Għalhekk niktbu *noboghdu* u mhux *nobgħdu* (u l-anqas *nobgħodu, mixegħla, mibegħda*. (Ara t-*Tagħrif* it-33 Régula f. 24)

(tissokta)

# TISLIMA U FERĦA LILL-"MALTI"

(FIT-TIENI ĦARĠA TIEGĦU)

Is-sliem għalik, ja ħelu *Malti*, int is-sebħ, il-hena, il-ġieh, il-qawwa tagħna, fik insibu l-farag; il-hemm u d-dwejjaq bik intaflu, bik nifirħu, u bik nitgħaxxqu. Fraħna fuq li fraħna mita ħabbartilna li bi ħsiebek tibda tiġi żżurna kull tliet xhur, biex miegħek inqattgħu siegħa żmien kif irid Alla, billi aħna niftħu qalbna miegħek u inti tikteb f'qalbek dak kollu li hu sewwa, li jixraq u li hu tajjeb. Stennejniek bis-sabar għal tliet xhur sħaħ u fl-aħħar ilmaħniek ġej b'libsa l-ġmiel tagħha. Wara li sellemtilna dħalt f'darna bla mistħija, billi m'hux biss għaraftna, iżda minn qabel kont tafna bħala ħbiebek u wliedek. Ilqajniek f'idejna, għannaqniek ma' sidirna u, biex ngħid hekk, il-bewsa tas-sliema minn fommna ġriet għal fuq ħaddejk. Bik fraħna u tgħaxxaqna u wisq stagħġibna xħin lilek rajna hekk għani f'il-biesek. Iva jixraqlek li tiżżejjen ladarba inti għani bil-bosta kif urejtna f'din l-ewwel ħarġa tiegħek. Imma kif għennelli inti kellek tidher b'24 faċċata u ġejt fostna bi 32 u xtaqt li tkun b'iżjed, għalhekk intenni li inti għani mhux biss minn butek, iżda wisq aktar minn ħbiebek u wliedek ladarba sibt min lil-qalbek jimla b'għerf u tagħlim liema bħalu. Inti għani, narġa' ntenni, minnek in-nifsek għaliex dal-għerf u t-tagħlim mort wisq tajjeb urejtulna bil-lsien ħelu tiegħek. Int, ja *Malti*, urejtna l-ewwel nett xhinu l-ħsieb tiegħek, miġbur f'dawn il-kelmiet : "ĦOBB 'L ALLA U 'L GĦAJREK, BILLI TGĦALLEM LIL MIN MA JAFX" u għalhekk trid li tgħallem dak li hu xieraq, li hu tajjeb u li hu sewwa; u fost l-oħrajn trid tgħallem ilsienek li hu wieħed mill-isbaħ ilsna tad-dinja. Għidtilna li ma tridx taf b'*Pulitka* u b'*Partiti*. Imbierek wiċċek u minn rabbiek, kemm inti qalbek tajba ! Iva hekk u hekk biss tista' timxi l-quddiem ; hekk kull-ħadd il-bieb ta' daru jiftaħlek. Immela, ja *Malti*, ibqa' sejjer il-quddiem ; dur u idħol għand kullħadd, min jilqgħek merħba bih, min le sellemlu ta' ħabib għax hekk Alla jrid. Oħroġ minn Malta, art tiegħek, mur fittex lil ħbiebek li biex jaqalgħu kisra ħobż tbiegħdu minn arthom il-għażiża. Idħol ġo l-Amerka kemm f'ta' fuq kemm ft'isfel; mur ġewwa Tunes, l-Alġier, Lixandra, l-Eġittu, Sfaqs; itlaq lejn l-Awstralja u durha bi ħġarha; mur, mur kullimkien, għax kullħadd jafek, avolja inti

irdeiiem °... r,iegi, ]a mir-Kumam, KartaġK, \ m"M»i« J 'Vj'ġ Iħor li fuqek saltan. £ to n oH. l'-ranċ./'. » '" ,lħallik nitolbok j .*MaHi* Isienaa K » biWeuf ..^un aktar fil-qnb. N.tolbuk ukol, ż,jm, laħżen fik bosta tagħlim fuqek m-nifsek. , kull mi» toħrog WJ« ^sabiħ njsel tiegħek ; nnn k.enet „, ,olbuk tunna utn^r • batek. Nitolbuk turina kifi, **' mi" riik k'fqal minnek il-għaref Pietru D'O„ff ttsse«- ilsien gnaiiK ^ u// *Unguaggio maltese, molti* (Sħktieħ tteghu rag. ^ **LINGUA A PARTE,** e

:„Hra \ *KMta"* Urina. iva,kemm inti ta' min igħoifc

* jfaħħ /t; i ^ inn ekWarfa: CVw/Ai Ca//*//ca L A,*'a sua anticlutà"* u fuqko.lox J

¦ ,ixxejier nu' ku'l riħ, billi magħandhiex min iwizinha, mt, frensna: *'Naiiona/iiy is tested by* ***speech",*** nitilfu:... "ta' demmu fjur: jitbiddel ħsiebna, jitbiddlu qlubna — it-tajjeb kollu jitii **u** jmur". Is-sliem għalik, ja ***Malti.***

M

***(Jaħfri/naM. ta/li qassarnielu xiftit: dan għamilnieh billik tu/na lard ħafna u ma ke/lniex wisa biż-żejjed.)***

TNEHIDA

Issa kif ix-xemx għabet
għal kollox mill-gholjiet,
iġbor ma' dwarek, ħija '
Rħal fiit il-ħsibijiet.

J rajtha fl-Rħodwa tielgħa

3*a fl«ofs il-jum tiżreġ
bħai «*' ta'qilla w-dnewwa

bil-ftit il-ftit bdiet tnaqqas
mal-jum, id-dawl u s-saħħa,
mal-jum għabet għal kolloft
xejn ma ħalliet minn tag*

Sew-sew l-għamla ta' ħajtek
titla', tissaħħaħ, tmur,
dil-ħajja li bħal l-ilma
tinxered malli tfur.

**C. M B-**

# MISTOQSIJIET U TWEĠIBIET

G. G. (**GUDJA**). Trid tafil-għala I-kunjomijiet (ismijiet tal-familja) ma niktbuhomx bl-ortografija tagħna bħal ma niktbu kliem ieħor.

L-isem tal-familja hiħaġa li matistàx tmissha u għandek tħalhha kif dak lijkun wiritha uli fuqha, għal iktar minn raġuni waħda, l-alfabet xjentifiku tal-Għaqda ma għandu l-ebda jedd. Mhux hekk iktarx Lismijiet tal-fonti, bħal ma ngħidu aħna: ***Ġanni*** flok ***Gianni; Katmnu*** flok ***Carmnu.***

Ma ngħidlekx lidawn il-Kunjomijiet ma ssibhomx miktubin daqqa mod, daqqa ieħor, bħalma dlonk issib min jikteb : ***Xerri*** u ***Scetti, Sċiberras*** u ***Xiber*as, Scicluna*** u ***Xictuna*** fejn l-sc u ljvgħandhom leħen wieħed, bħalma wkoll issib fil-kunjomijiet ***Schembri*** (Xkembri) ***Cuschieri*** (Kuxkieri) li xejn ma jaqbel ma'dak ii-leħen li jàtu l-istess ***sc*** u ***x*** fil-kunjomijiet : ***Gascun*** (Gaskun) ***Axisa*** (Aksisa).

Dawn huma fdalijiet u xhieda ta' dik il-kitba ewlenija f'Malta ta' xi 500 sena ilu u fuqhom, li biha, fuq l-ortografija taljana u sqallija ġew mahżużin min-nutari l-kunjomijiet maltin fit-testmenti u l-kuntratti, u bħala dokument ta' wirt ta' isem il-familja ma jistgħux jittiesfu, għalkemm miktubin ħażin.

Insibu l-istess ħaġa f'kunjomijiet ta' familji Ingliżi.

Ismijiet Maltin bħal: ***Axiak, Agius, Ebejer,*** jekk niġu għal dik lihi ***etimoloġija*** u ***07 tografija*** tal-kelma, iinisshom jinkitbu: ***Għaxaq, Għaġuż, Għbejjer*** (plur: ta ***Għabura).*** Fuq biljett ta' wieħed min-nobbli werrieta tal-kunjom ***Axiak.*** dan l-isem hu miktub ***Għaxaq;*** s\\/Ja\ lidaklihu, għoġbu jibqa' jżomm l-ortografija ta' dan l-isem kif wiritha mir-razza.

G. M.(GĦAWDEX). Il-kelma ***Mġarr,*** mogħtija bħala pluràl ta' ***Moġra*** jew ***Miġra,*** fl-ewwel ħarġa tal-"***MaltT*** paġ. **11.,** hi miktuba ħażin. Trid tiġi ***Mġàr.*** Nistqarru li l-iżball hu tagħna waħdu u mhux ta' T.Z.likien kitibha sewwa. Waqt it-tiswijiet ta' l-istampa ħallatnieha mal-kelma ***Mġarr*** ta', ngħidu aħna, ***Mġarr ix-Xini,*** isem ta' post ***(mimmàt)*** liġej mill-verb: ***ġarr*** u mhux minn ***ġera,*** liminnu hu mnissel l-isem l-ieħor ta' ***moġra.***

Għalkemm kif taħseb int il-kelma ***Mġarr,*** bħal l-isem ta' ***Vlmġarr*** ta' Għawdex, qiegħed biex ifisser ***port*** jew ***lok,*** iktarx f'xatt il-baħar, ***mnejn u fejn*** tinġarr il-merkanzija ta' l-ibliet. [cfr. **VASSALLI.** ***Lexicon*** 476] — isem imnissel mill-verb ***ġarr***